

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-8 ta' Diċembru 2011 —
Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-39/08) ⁽¹⁾

“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi informatiċi għall-hosting, immaniġġjar, titjib, promozzjoni u manteniment ta' portal tal-internet — Ċaħda tal-offerta u għoti ta' kuntratt lil offerten ieħor — Kriterji ta' għażla — Kriterji ta' għoti — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2012/C 25/88)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmien Systimata Tilepi-koinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve u N. Bambara, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

Suġġett

Minn naħa, it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2007, li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest ta' sejħa għal offerti EAC/04/07 għall-hosting, immaniġġjar, titjib, promozzjoni u manteniment tal-portal tal-internet tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tagħlim minn fuq l-internet (l-e-learning) (elearningeuropa.info) (ĠU 2007, S 87), kif ukoll tad-deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor u, min-naħa l-oħra, talba għal kumpens għad-danni.

Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2007 li tiċħad l-offerta ppreżentata minn Evropaiki Dynamiki — Proigmien Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE fil-kuntest tas-sejħa għall-offerti EAC/04/07 dwar il-hosting, immaniġġjar, titjib, promozzjoni u manteniment tal-portal tal-internet tal-Kummissjoni Ewropea fuq it-tagħlim minn fuq l-internet (e-learning) (elearningeuropa.info), u li d-deċiżjoni li dan il-kuntratt jingħata lil offerent ieħor, hija annullata.*

(2) *It-talba għad-danni hija miċħuda.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn Evropaiki Dynamiki — Proigmien Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis.*

⁽¹⁾ ĠU C 92, 12.04.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-30 ta' Novembru 2011 —
Il-Kummissjoni vs Dittert**

(Kawża T-51/08 P) ⁽¹⁾

“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Punti ta' Priorità — Nuqqas ta' attribuzzjoni minħabba inċident tekniku — Kumitat ta' promozzjoni A* — Attribuzzjoni ta' numru ta' punti ta' priorità supplimentari inferjuri għall-proposta tal-ġerarkija — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' uffiċjali promossi”)

(2012/C 25/89)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u K. Herrmann, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Daniel Dittert (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: B. Cortese u C. Cortese, avukati)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla), tat-22 ta' Novembru 2007, Dittert vs Il-Kummissjoni (F-109/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabro), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

(1) *L-Appell huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn D. Dittert.*

⁽¹⁾ ĠU C 92, 12.04.2008.

Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-30 ta' Novembru 2011 — Il-Kummissjoni vs Carpi Badia

(Kawża T-52/08 P) ⁽¹⁾

“Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċedura ta' promozzjoni 2005 — Punti ta' priorità — Nuqqas ta' għoti minħabba problema teknika — Kumitat ta' Promozzjoni A* — Għoti ta' numru ta' punti ta' priorità addizzjonal anqas minn dak li kien propost mill-ġerarkija — Nuqqas ta' iskrizzjoni fil-lista ta' uffiċjali promossi”)

(2012/C 25/90)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid et K. Herrmann, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: José María Carpi Badía (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: B. Cortese u C. Cortese, avukati)